

Brussell, 27 ta' Mejju 2021
(OR. en)

9162/21

Fajls Interistituzzjonali:
2020/0264(COD)
2013/0186(COD)

AVIATION 134
CODEC 772
IA 101

RAPPORT

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kunsill
Nru. dok. preċ.: Nru dok. Cion:	ST 8419/21 + ADD1 + COR1, ADD2-3 ST 10840/20 + ADD 1, ST 10841/20 + COR 1, ST 11020/20
Suġġett:	Proposta emendata għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-Ajru Uniku Ewropew (riformulazzjoni) Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2018/1139 fir-rigward tal-kapaċità tal-Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea li taġixxi bħala Korp ta' Analiżi tal-Prestazzjoni tal-Ajru Uniku Ewropew – Approċċ ġenerali

1. INTRODUZZJONI

1. Fit-22 ta' Settembru 2020, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill il-proposta emendata għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-Ajru Uniku Ewropew¹, bl-użu tat-teknika ta' riformulazzjoni (minn hawn 'il quddiem il-“proposta emendata ta' riformulazzjoni”), kif ukoll il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2018/1139 fir-rigward tal-kapaċità tal-Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea li taġixxi bħala Korp ta' Analiżi tal-Prestazzjoni tal-Ajru Uniku Ewropew² (minn hawn 'il quddiem il-“proposta tal-EASA”).

¹ ST 10840/21 + ADD 1

² ST 10841/21 + COR 1

2. L-inizjattiva tal-Ajru Uniku Ewropew għandha l-għan li ttejjeb l-effiċjenza ġenerali tal-mod kif inhu organizzat u mmaniġġjat l-ispazju tal-ajru Ewropew permezz ta' riforma tal-industrija li tipprovdi s-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru. Ir-raġunijiet ewlenin li għalihom il-Kummissjoni tippreżenta r-reviżjoni huma li taġġorna, fid-dawl tal-esperjenza, u tirriformula l-leġiżlazzjoni attwali dwar l-Ajru Uniku Ewropew.
3. Il-Kummissjoni kienet adottat proposta inizjali ta' riformulazzjoni għall-implimentazzjoni tal-Ajru Uniku Ewropew fl-2013³. Filwaqt li l-għanijiet u l-prinċipji oriġinali ta' dik il-proposta jibqgħu l-istess, il-proposta emendata ta' riformulazzjoni tiffoka speċifikament fuq l-aċċellerazzjoni tal-adattament tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru fid-dawl ta' dawk il-prinċipji u l-oġettivi.
4. Wieheċ mill-elementi tal-emendi proposti f'dan il-kuntest kien jikkonsisti fl-istabbiliment ta' funzjoni permanenti tal-Korp ta' Analiżi tal-Prestazzjoni (PRB), li trid tiġi eżerċitata mill-Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea (EASA). L-arranġamenti meħtieġa għal dawn l-għanijiet kienu jeħtieġu li jsiru diversi emendi għar-Regolament (UE) 2018/1139.

2. **ĦIDMA F'ISTITUZZJONIJIET OĦRA**

5. Il-Parlament Ewropew, matul is-seba' leġiżlatura tiegħu, ħatar lill-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu (TRAN) bħala l-kumitat responsabbli għall-proposta ta' riformulazzjoni dwar l-implimentazzjoni tal-Ajru Uniku Ewropew u ħatar lis-Sur Marian-Jean Marinescu (PPE, RO) bħala rapporteur. Il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari dwar dik il-proposta. Wara l-proposta emendata ta' riformulazzjoni ppreżentata mill-Kummissjoni, il-Parlament Ewropew qed jerġà jiddiskuti l-proposta fi TRAN hekk kif iħejji għan-negozjati mal-Kunsill. Is-Sur Marian-Jean Marinescu reġà ġie kkonfermat bħala rapporteur għall-fajl matul id-disà leġiżlatura. Il-Parlament Ewropew huwa mistenni jaġġorna l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari fis-17 ta' Ġunju 2021.
6. Min-naħa l-oħra, is-Sur Bogusław Liberadzki (SD, PL) inħatar bħala r-rapporteur għall-proposta tal-EASA matul id-disà leġiżlatura tal-Parlament Ewropew. Il-Parlament Ewropew qed jiddiskuti dik il-proposta fi TRAN u huwa mistenni jadotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari fix-xhur li ġejjin.

³ ST 11501/2013

7. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta l-opinjoni tiegħu dwar iż-żewġ fajls fit-2 ta' Diċembru 2020, filwaqt li l-Kumitat tar-Regġuni ddeċieda li ma jagħtix opinjoni.
8. Il-Parlament Spanjol, il-Parlament Malti u s-Senat tar-Repubblika tal-Italja adottaw opinjonijiet dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità fir-rigward tal-proposta emendata ta' riformulazzjoni.
9. Is-Senat tar-Repubblika tal-Italja u l-Parlament Spanjol ressqu opinjoni dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju tas-sussidjarjetà fir-rigward tal-proposta tal-EASA.

3. ĦIDMA FI ĦDAN IL-KUNSILL

10. Il-Grupp ta' Ħidma dwar l-Avjazzjoni, permezz tal-vidjokonferenzi informali tal-membri tiegħu, beda l-ħidma tiegħu fuq iż-żewġ proposti f'Ottubru 2020 bi preżentazzjoni ġenerali tal-proposti. Dawn il-fajls ilhom b'mod konsistenti fuq l-aġenda minn dak iż-żmien u għal total ta' 23 darba.
11. Il-membri tal-Kunsill (TTE, Trasport) kellhom, fil-vidjokonferenza tiegħu tat-8 ta' Diċembru 2020, dibattitu ta' orjentazzjoni bikri biex jagħtu indikazzjonijiet għad-diskussjonijiet li ġejjin li għandhom isiru fil-korpi preparatorji⁴.
12. Il-proposti mhumiex akkumpanjati minn valutazzjoni tal-impatt. Il-fehma tal-Kummissjoni hija li l-valutazzjoni tal-impatt li saret fl-2013 għall-proposta ta' riformulazzjoni inizjali kienet għadha valida u kkomplementatha b'Dokument ta' Ħidma tal-Persunal⁵. Id-delegati qajmu tħassib dwar in-nuqqas ta' ġustifikazzjoni u analiżi tal-ispejjeż/benefiċċji għal għadd ta' miżuri ġodda proposti mill-Kummissjoni, b'mod partikolari l-istabbiliment tal-Korp ta' Analiżi tal-Prestazzjoni (PRB), rata unitarja komuni għall-imposti u l-modulazzjoni obbligatorja tal-imposti fil-livell tal-UE.

⁴ ST 12611/20

⁵ ST 11020/20

13. Fir-rigward tal-proposta emendata ta' riformulazzjoni, il-membri tal-Grupp ta' Ħidma dwar l-Avjazzjoni jappoġġaw bis-sħiħ l-oġġettivi ġenerali tal-SES. Madankollu, id-delegati esprimew dubji dwar il-proporzjonalità u l-effettività ta' xi wħud mill-emendi proposti u l-konformità tagħhom mad-drittijiet u r-responsabbiltajiet sovrani tal-Istati Membri fuq l-ispazju tal-ajru tagħhom. Il-membri tal-Grupp ta' Ħidma dwar l-Avjazzjoni indirizzaw għadd ta' kwistjonijiet fir-rigward tal-proposta tal-Kummissjoni u żviluppaw is-soluzzjonijiet alternattivi li ġejjin:

- L-awtoritajiet superviżorji nazzjonali huma meħtieġa li jkunu indipendenti mill-fornituri tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru filwaqt li jħallu l-flessibbiltà lill-Istati Membri biex jorganizzaw is-sorveljanza ekonomika u l-funzjonijiet tas-sorveljanza tas-sikurezza fl-istess entità amministrattiva.
- Il-forniment ta' servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru fl-UE huwa kondizzjonali fuq iż-żamma ta' ċertifikat uniku, inklużi r-rekwiżiti dwar ir-responsabbiltà finanzjarja u l-assigurazzjoni li ġew inklużi fl-abbozz tar-Regolament tal-EASA.
- Il-fornituri ta' servizzi tat-traffiku tal-ajru jistgħu jakkwistaw, skont il-kondizzjonijiet tas-suq, servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru, bħal servizzi ta' komunikazzjoni, navigazzjoni u sorveljanza, servizzi ta' informazzjoni ajrunawtika dwar it-titjir, servizzi meteoroloġiċi tat-titjir kif ukoll servizzi ta' data tal-ATM, u l-ajruporti jistgħu jakkwistaw, skont il-kondizzjonijiet tas-suq, servizzi tat-traffiku tal-ajru fit-terminal.
- L-Istati Membri jibqgħu responsabbli mill-proċess tal-ippjanar tal-prestazzjoni filwaqt li l-Kummissjoni tivverifika l-konsistenza tal-pjanijiet ta' prestazzjoni mal-miri ta' prestazzjoni għall-UE kollha.
- L-imposti jiġu stabbiliti b'konsistenza mal-prinċipji tal-EUROCONTROL u, sabiex jiġu evitati impatti fuq il-baġits nazzjonali, l-ispejjeż tas-sorveljanza jibqgħu eliġibbli taħt l-iskema ta' imposti. L-Istati Membri jistabbilixxu r-rati unitarji wara verifika mill-Kummissjoni.
- Il-benefiċċju ambjentali ta' modulazzjoni obbligatorja tal-imposti fil-livell Ewropew ma ntweriex u jqajjem għadd ta' kwistjonijiet legali, ekonomiċi u tekniċi fundamentali, b'mod partikolari fir-rigward tar-ridistribuzzjoni tad-dħul fl-UE u l-impatt fuq il-kompetizzjoni fir-rigward tal-fornituri tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru ta' pajjiżi terzi. Filwaqt li l-modulazzjoni tal-imposti mill-Istati Membri hija possibbli, huwa meħtieġ studju ta' fattibbiltà biex tiġi implimentata tali modulazzjoni fil-livell tal-UE.

14. Fir-rigward tal-proposta tal-EASA, maġġoranza kbira tad-delegazzjonijiet indikaw b'mod ċar mill-bidu nett li huma ppreferew li l-Korp ta' Analiżi tal-Prestazzjoni (PRB) iżomm rwol konsultattiv u mhux fi ħdan l-istrutturi tal-EASA. Dan irriżulta f'bidliet konsiderevoli ta' dik il-proposta. Barra minn hekk, il-Presidenza ttrasformat ukoll iċ-ċertifikat ekonomiku propost mill-Kummissjoni fil-proposta emendata ta' riformulazzjoni f'sett ta' rekwiżiti ekonomiċi inklużi fl-abbozz tar-Regolament Bażiku emendat tal-EASA.
15. Fil-5 ta' Mejju 2021, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti pprovda aktar gwida dwar erba' kwistjonijiet pendenti prinċipalment rigward il-liberalizzazzjoni ta' ċerti servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru u dwar ir-rwol tal-Korp ta' Analiżi tal-Prestazzjoni (PRB)⁶:
- L-akkwist, skont il-kondizzjonijiet tas-suq, ta' ċerti servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru u ta' servizzi tat-traffiku tal-ajru fit-terminal jibqa' soġġett għall-awtorizzazzjoni tal-Istati Membri.
 - Fornituri ta' servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru li jikkompetu għal, jew jinvolvu ruħhom fil-forniment ta' servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru jew servizzi ta' traffiku tal-ajru fit-terminal skont il-kondizzjonijiet tas-suq m'għandhomx għalfejn iqiegħdu l-attivitajiet relatati ma' dawk is-servizzi f'entità ta' negozju li topera b'mod indipendenti. Madankollu, huma għandhom jiżguraw is-separazzjoni u t-trasparenza tal-kontijiet.
 - Il-fornituri ta' servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru jew servizzi tat-traffiku tal-ajru fit-terminal skont il-kondizzjonijiet tas-suq huma meħtieġa li jkollhom il-post prinċipali tan-negozju tagħhom fit-territorju ta' Stat Membru u għandhom ikunu 50 % proprjetà ta' u effettivament ikkontrollati minn Stati Membri jew nazzjonali ta' Stati Membri. Madankollu, ġiet appoġġata deroga għall-fornituri ċċertifikati ta' servizzi satellitari globali li diġà joperaw fl-UE.
 - Il-Korp ta' Analiżi tal-Prestazzjoni (PRB) iżomm ir-rwol konsultattiv tiegħu u ma jiħux rwol regolatorju kif issuġġerit fil-proposta emendata ta' riformulazzjoni. Barra minn hekk, l-Istati Membri ma esprimewx ruħhom b'mod definittiv dwar l-entità li fi ħdanha għandu jiġi stabbilit jew jekk għandux jiġi stabbilit b'mod indipendenti.
16. Wara dan id-dibattitu, il-Presidenza rritornat għand il-korp preparatorju għal żewġ diskussjonijiet oħrajn dwar l-aħħar kwistjonijiet li fadal.

⁶ ST 8030/21 + ADD 1 u ADD 2

17. Fis-26 ta' Mejju 2021, il-Presidenza ppreżentat test ta' kompromess lill-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti li jsolvi l-aħħar kwistjonijiet pendenti:

- Fir-rigward tal-ħatra tal-fornituri tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru, il-possibbiltà għall-Istati Membri li jimponu kondizzjonijiet fuq is-sjieda u l-kontroll min-nazzjonali u l-istabbiliment tagħhom stess u l-użu ta' faċilitajiet fit-territorju tagħhom hija limitata għal każijiet fejn l-applikazzjoni ta' tali kondizzjonijiet ma tkunx tinvolvi restrizzjoni mhux ġustifikata tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi jew il-libertà tal-istabbiliment.
- Fir-rigward tar-rekwiżiti għall-fornituri tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru magħżula jew maħtura bħala riżultat ta' proċedura ta' akkwist biex ikollhom il-post prinċipali tan-negozju tagħhom fit-territorju ta' Stat Membru u li jkunu 50 % proprjetà ta' u effettivament ikkontrollati minn Stati Membri jew nazzjonali ta' Stati Membri, tingħata deroga biss lil fornituri ċċertifikati ta' servizzi satellitari globali diġà ċċertifikati biex joperaw fl-UE.
- Is-sikurezza u l-kunsiderazzjonijiet ambjentali għandhom jieħdu preċedenza fil-valutazzjoni tal-prestazzjoni tal-fornituri tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru.
- Ir-rwoli u l-kompiti tal-Maniġer tan-Network huma definiti b'mod ċar u eżawrjenti. Il-Maniġer tan-Network ser jieħu deċiżjonijiet permezz ta' proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet kooperattiv li jinvolvi l-partijiet ikkonċernati rilevanti. L-Istati Membri huma involuti fil-proċess ta' teħid tad-deċiżjonijiet fir-rigward ta' deċiżjonijiet ta' importanza strateġika u/jew kwistjonijiet sovrani. Ir-rwol tal-Bord tat-Tmexxija tan-Network huwa ċċarat ukoll.

18. Maġġoranza wiesgħa ta' delegazzjonijiet tkellmu biex ifaħħru l-ħidma tal-Presidenza u biex jissottolinjaw il-bilanċ delikat tal-kompromess propost li jirrifletti t-talbiet u l-pożizzjonijiet tal-maġġoranza tal-Istati Membri. Abbażi tal-kummenti mid-delegazzjonijiet, il-Presidenza pproponiet li tagħmel l-emendi addizzjonali li ġejjin għat-testi ta' kompromess:

- Premessa ġdida ser tagħmilha ċara li r-regolament riformulat emendat ma jeħtieġx iċ-ċertifikazzjoni ta' sinjali pprovduti mis-Sistemi Globali ta' Navigazzjoni bis-Satellita (GNSS).
- Il-premessa 43 ser tiġi modifikata biex tenfasizza b'mod partikolari l-ħtieġa li jiġu kkonsultati l-organizzazzjonijiet tal-persunal professjonali.

- Ser jiġi introdott paragrafu 2a ġdid skont l-Artikolu 17 biex jipprevedi l-possibbiltà li l-iskema ta' prestazzjoni tiġi sospiża f'każijiet ta' kriżi tan-network.
- Ir-referenza għall-Maniġer tan-Network u l-Bord tat-Tmexxija tan-Network għall-implimentazzjoni tal-funzjonijiet tan-network ser titneħħa mill-Artikolu 26(4).
- Ir-referenzi għal “fornituri magħżula tal-MET” ser jiġihassru fl-Artikoli 10 (3) h), 10 (4), 13 (1), 13 (3) c), 13b (2), (2a) u (2b) u fil-premessi 22 u 25a; L-Artikolu 8(5) għandu jiġi emendat skont dan.

19. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti kkonferma l-kompromess li ntlaħaq.

20. Il-Kummissjoni tirriżerva l-pożizzjoni tagħha dwar il-proposti ta' kompromess, sakemm ikun hemm in-negozjati mal-Parlament Ewropew.

4. KONKLUŻJONI

21. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, fil-laqgħa tiegħu tat-3 ta' Ġunju 2021, il-Kunsill huwa mistieden jeżamina t-testi li jinsabu fid-dokumenti 9162/21 ADD 1 u ADD 2 u jadotta approċċ ġenerali dwar il-proposti.
